IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2020
COM(2020) 260 final

2020/0127 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal xokk ekonomiku kbir li qed ikollu impatt negattiv sinifikanti fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja. Is-severità tal-konsegwenzi se tiddependi kemm fuq it-tul ta' żmien kif ukoll fuq il-firxa ġeografika tal-pandemija. B'mod aktar speċifiku, qed ikollha impatt mingħajr preċedent fuq it-trasport inġenerali u b'mod partikolari fuq is-settur ferrovjarju. Il-pandemija tista' twassal għal għadd kbir ta' insolvenzi u nuqqas ta' likwidità fis-settur ferrovjarju. Dan jaffettwa l-katina kollha tal-provvista u għandu effetti fuq l-impriżi ferrovjarji, it-trasportaturi tal-merkanzija u l-impriżi loġistiċi. Il-maniġers tal-infrastruttura u l-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi se jbatu wkoll mill-konsegwenzi finanzjarji tagħha. Jekk ma tiġix indirizzata, il-pandemija se jkollha impatt qawwi fuq it-traffiku internazzjonali, fuq il-volumi tal-merkanzija u fuq l-għadd ta' passiġġieri, il-progress fid-diġitalizzazzjoni, il-ftuħ tas-suq u l-istrutturi tas-suq, u l-effetti ta' dan l-impatt se jinħassu għal perjodu twil.

Is-settur ferrovjarju huwa ta' importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea. Il-kontribut tiegħu huwa vitali għall-ekonomija ġenerali tal-UE u għall-impjiegi, minħabba li jimpjega direttament aktar minn miljun persuna: madwar 600 000 minnhom fl-impriżi ferrovjarji u 440 000 minn maniġers tal-infrastruttura (sa tmiem l-2016).

It-trasport ferrovjarju huwa kritiku għall-istrateġija tal-UE għal settur tat-trasport aktar sostenibbli, għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u għall-konnettività tal-Ewropej fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri. Il-ferroviji huma kontributuri importanti għat-taħlita ta' trasport tal-UE, u jipprovdu mobilità nadifa u livell għoli ta' effiċjenza. Għalhekk, it-trasport ferrovjarju huwa kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-ftehim ekoloġiku minħabba l-valur tiegħu bħala l-mezz ta' trasport l-aktar sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Il-ferroviji Ewropej jittrasportaw madwar 1.6 biljun tunnellata ta' merkanzija u 9 biljun passiġġier fis-sena. Sal-2016, il-volumi tat-traffiku tal-passiġġieri tal-UE kienu laħqu l-450 biljun kilometru tal-passiġġieri minn madwar 6 triljun kilometri tal-passiġġieri tat-trasport kollu fuq l-art. It-traffiku tal-passiġġieri bil-ferrovija huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu domestiku, b'6 % biss jaqsmu l-fruntieri fl-2016.

Sal-2016, il-volumi tat-traffiku tal-merkanzija tal-UE laħqu l-419-il biljun tunnellata-kilometru mit-2.5 triljun tat-trasport kollu fuq l-art. Madwar nofs it-trasport totali tal-merkanzija bil-ferrovija huwa transfruntier. Dan jagħti lit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija dimensjoni Ewropea b'saħħitha, u jagħmlu saħansitra aktar sensittiv għan-nuqqas ta' interoperabbiltà u ta' kooperazzjoni bejn in-netwerks ferrovjarji nazzjonali, li jista' jaffettwa l-kompetittività tiegħu.

Wara li faqqgħet il-marda, it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija naqas b'mod sinifikanti minħabba r-restrizzjonijiet u d-domanda aktar baxxa. Ir-restrizzjonijiet temporanji

fuq il-konnessjonijiet tal-ivvjaġġar bejn l-Istati Membri tal-UE kellhom impatt sinifikanti: il-biċċa l-kbira tal-ferroviji internazzjonali tal-passiġġieri ma għadhomx joffru servizz, u t-trasport domestiku bil-ferrovija naqas b'sa 90 % meta mqabbel maċ-ċifri tas-sena l-oħra. Ħafna parteċipanti ġodda reċenti kellhom iwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom, u l-operaturi kollha tal-ferroviji qed isofru tnaqqis kbir fis-servizzi tat-trasport tagħhom.

L-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jipprovdu servizzi transfruntiera u domestiċi iżda rrapportaw tnaqqis fil-volumi tat-trasport. Waħda mir-raġunijiet ewlenin kienet li d-domanda minn ċerti industriji kienet waqfet minħabba li l-produzzjoni kienet waqfet għalkollox peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu implimentaw miżuri ta' lockdown u dan wassal għal kollass fid-domanda. Issa, fix-xhur ta' wara l-lockdown, id-domanda qed tiżdied bil-mod, iżda għad ma hemmx viżibilità sħiħa dwar kif se tiżviluppa d-domanda għat-trasport ferrovjarju.

Id-domanda tal-passiġġieri għas-sena 2020 kollha mistennija li tkun konsiderevolment taħt il-livelli tal-2019, u anke d-domanda tal-merkanzija xorta se tkun konsiderevolment inqas mil-livelli tas-sena l-oħra.

Sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija, qed jiġi implimentat rispons politiku ambizzjuż li jkopri diversi oqsma. F'dan il-kuntest, dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkumplimenta l-qafas eżistenti relatat mal-ferroviji sabiex l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ferrovjarji jkunu jistgħu jittrattaw aħjar għadd ta' konsegwenzi negattivi tal-pandemija COVID-19, u li jwieġeb għall-ħtiġijiet urġenti tas-settur ferrovjarju sakemm dawn il-konsegwenzi jippersistu. Dawn il-miżuri jikkonċernaw b'mod partikolari l-eżenzjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tal-imposti għall-aċċess għall-binarji għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja, kif ukoll l-eżenzjoni tal-imposti ta' riżerva. Ikopru perjodu ta' referenza mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020, li fih l-imposti jistgħu jinbidlu, b'deroga mill-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE fejn id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk (li turi l-imposti kollha applikabbli) għandha tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur qabel l-iskadenza għal talbiet għall-kapaċità infrastrutturali.

B'mod aktar speċifiku, jista' jinżamm dan li ġej:

(1) <u>*L-imposti għall-aċċess għall-binarji – l-ammont li jikkorrispondi għall-ispiża diretta:*</u> L-Artikolu 31(3) tad-Direttiva jirrikjedi li l-imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu jiġu stabbiliti fil-livell tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju. Fil-prinċipju d-dispożizzjoni tfixkel l-iffissar tal-imposti f'livell aktar baxx. Qed jiġi propost li ssir deroga minnu, sabiex l-Istati Membri u l-maniġers tal-infrastruttura jkunu jistgħu jkollhom l-aktar firxa wiesgħa ta' possibiltajiet għad-dispożizzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' referenza.

(2) <u>*Mark-ups:*</u> L-Artikolu 32 jippermetti lill-Istati Membri jimponu mark-ups li jiġu stabbiliti fir-rigward tal-kapaċità ta' ħlas tat-taqsimiet rispettivi tas-suq ferrovjarju. Bħala tali, dan il-prinċipju jimplika li l-mark-ups jistgħu jkunu soġġetti għal flutwazzjonijiet u jistgħu jonqsu f'każ li tonqos il-kapaċità ta' ħlas tat-taqsimiet tas-suq ikkunsidrati . Dan it-tnaqqis jista' jseħħ b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-kriżi attwali. Madankollu, kif inhi bħalissa d-Direttiva 2012/34/UE, l-emendi għall-mark-ups fil-prinċipju mhumiex possibbli matul perjodu partikolari ta' skeda

tax-xogħol. B'deroga minn din ir-regola, qed jiġi propost li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu aġġustamenti 'l isfel fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

(3) *Imposti ta' riżerva*: L-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE jipprovdi reġim ta' imposti ta' riżerva. L-objettiv ta' dawn l-imposti huwa li jiskoraġġixxu lill-impriżi ferrovjarji milli jikkanċellaw mogħdijiet ferrovjarji fi żmien qasir u għalhekk biex jippromwovu l-aħjar użu u l-użu sħiħ tal-kapaċità eżistenti. Normalment il-livell ta' din l-imposta jiżdied aktar ma l-kanċellazzjoni tkun qrib il-ħin tal-operazzjoni.

Skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/36/UE, fil-prinċipju huwa f'idejn kull maniġer tal-infrastruttura li jiddeċiedi jekk jixtieqx jimponi imposti ta' riżerva. Madankollu, it-tieni sentenza tal-Artikolu 36 tagħmel obbligatorju l-intaxxar ta' dawk l-imposti f'każ ta' "nuqqas regolari" minn impriża ferrovjarja "li tuża mogħdijiet ferrovjarji allokati jew parti minnhom".

Il-pandemija pprovokat tfixkil serju fit-traffiku ferrovjarju li wassal għal kanċellazzjonijiet mifruxa tal-mogħdijiet ferrovjarji. L-avvenimenti sottostanti kienu u huma lil hinn mill-kontroll tal-impriżi ferrovjarji. Barra minn hekk, wasslu għal kapaċità żejda (temporanja). Għalhekk wieħed jista' jassumi li l-effett ta' inċentiv maħsub mill-imposti ta' riżerva skont f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE mhuwiex rilevanti fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jneħħu l-obbligu stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 36 tad-Direttiva fir-rigward tal-kanċellazzjonijiet matul dak il-perjodu.

(4) *Rifużjoni mill-Istati Membri:* Fir-rigward ta' kull wieħed mill-elementi msemmija hawn fuq (l-imposti bbażati fuq l-ispejjeż diretti, il-mark-ups u l-imposti ta' riżerva) kwalunkwe tnaqqis fl-imposti kif awtorizzat mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament propost iwassal għal telf fid-dħul għall-maniġer tal-infrastruttura.

Fil-prinċipju, dak it-telf fid-dħul jiġi kkumpensat f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/34/UE. Skont dik id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-kontijiet tal-maniġers tal-infrastruttura li qed jiffaċċjaw telf minħabba, fost l-oħrajn, domanda aktar baxxa mhux mistennija, jibqgħu bbilanċjati fuq perjodu ta' 5 snin taħt kundizzjonijiet normali tan-negozju.

It-telf fid-dħul għall-maniġers tal-infrastruttura, bħala riżultat tat-tnaqqis kif ikkontemplat fir-Regolament propost, mhux suppost li jseħħ, skont id-Direttiva 2012/34/UE kif inhi bħalissa. Għalhekk huwa propost li l-maniġers tal-infrastruttura jiġu rimborżati fi żmien iqsar minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkun iġġarrab it-telf.

(5) *Aġġustamenti tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk*: id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, l-iskadenzi, il-proċeduri u l-kriterji għall-iskemi tal-imposti u tal-allokazzjoni tal-kapaċità, inkluża l-informazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura.

Qed jiġi propost li jiġi stabbilit li d-dikjarazzjonijiet dwar in-netwerk jinżammu aġġornati u emendati mingħajr dewmien.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-Direttiva 2012/34/UE ma tindirizzax ċirkostanzi straordinarji, bħal dawk maħluqa fis-settur ferrovjarju mit-tifqigħa tal-COVID-19. Għalhekk, jenħtieġ li d-derogi mmirati jiġu awtorizzati biex jittaffew l-effetti tal-pandemija fuq it-trasport ferrovjarju, u biex tinżamm l-integrità taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. Barra minn hekk, l-istruttura tas-suq kompetittiv li tinvolvi operaturi storiċi u operaturi ġodda teħtieġ miżuri ta' salvataġġ li jkomplu jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-funzjonament effettiv taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea jiddependi fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-atturi fis-suq u fuq is-salvagwardja tal-kisbiet li diġà saru fir-rigward tal-indipendenza tal-ġestjoni tal-maniġers tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji, it-trasparenza tad-dispożizzjonijiet dwar l-imposti u l-aċċess għan-netwerk, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali fl-allokazzjoni tal-mogħdijiet ferrovjarji u l-iskemi tal-imposti kif ukoll il-ftuħ tas-suq. Il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati tas-suq ferrovjarju jistgħu jipperikolaw il-vijabbiltà finanzjarja tagħhom u possibbilment ikollhom effetti negattivi serji fuq il-funzjonament tas-sistema tat-trasport, b'impatt negattiv fuq l-ekonomija kollha kemm hi. Skont stħarriġ li sar f'Mejju u f'Ġunju 2020 mal-impriżi ferrovjarji permezz tal-pjattaforma ta' Djalogu tal-Impriżi Ferrovjarji, s'issa ma ngħatat l-ebda għajnuna ddedikata lill-partijiet ikkonċernati tas-settur ferrovjarju. Ir-Regolament propost jindirizza dawn il-kwistjonijiet.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huwa ugwalment il-bażi ġuridika tad-Direttiva 2012/34/UE nnifisha.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklussivi)**

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġuni li ġejja: L-imposti għall-aċċess għall-binarji huma rregolati b'mod komprensiv fil-livell tal-UE u għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jiddevjaw mir-regoli tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm leġiżlazzjoni Ewropea speċifika. Id-Direttiva 2012/34/UE ma tippermettix lill-Istati Membri, fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, jirreaġixxu għall-impatti mhux prevedibbli fuq it-trasport ferrovjarju b'mod partikolari billi jadattaw ir-regoli dwar l-imposti u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' att adottat mill-Unjoni, li jippermetti derogi (immirati). Barra minn hekk, skont it-termini tar-Regolament propost, jibqa' f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jimplimentawx il-miżuri previsti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom f'termini ta' finanzjament pubbliku.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li jittaffa l-impatt tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19 permezz ta' derogi mmirati mid-Direttiva 2012/34/.

Il-miżura proposta hija għalhekk proporzjonata, inkluż fir-rigward tal-perjodu ta' referenza li għalih tapplika. Dan il-perjodu jirrifletti l-istimi attwali dwar it-tul ta' żmien li matulu mistenni jinħassu l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq ferrovjarju. Huwa propost li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li ttawwal dan il-perjodu fejn meħtieġ.

- **Għażla tal-istrument**

Sabiex jintlaħaq l-objettiv tiegħu, l-istrument ġuridiku għandu jkun ta' applikazzjoni diretta u ġenerali. Għalhekk, l-istrument ġuridiku xieraq huwa Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din hija miżura urġenti li ġiet ikkawżata mit-tifqigħa f'daqqa u imprevedibbli tal-marda tal-COVID-19.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma twettqitx konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati talbu lill-Kummissjoni biex tadotta proposta għal miżuri xierqa fil-kuntest tal-qafas tal-allokazzjoni u tal-imposti tad-Direttiva 2012/34/UE.

B'mod partikolari, l-assoċjazzjonijiet tas-settur ferrovjarju li jirrappreżentaw l-impriżi ferrovjarji ripetutament avviċinaw lill-Kummissjoni u talbu miżuri urġenti. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jiżguraw li s-settur ikun jista' jlaħħaq mat-telf ta' dħul u jnaqqsu r-riskju ta' fallimenti, speċjalment għall-operaturi privati. Waħda mill-miżuri l-aktar rakkomandati hija s-sospensjoni ta' imposti għall-infrastruttura tal-binarji, l-istazzjonijiet, il-faċilitajiet tas-servizz u l-użu tal-binarji żgħar maġenb il-binarji.

Wara din is-sejħa għal azzjoni, xi Stati Membri u maniġers tal-infrastruttura bdew jirreaġixxu billi jieħdu u/jew jikkunsidraw miżuri bħal dawn. F'Marzu, April u Mejju 2020 il-Kummissjoniwettqet stħarriġ permezz tas-sottogrupp dwar l-imposti tal-pjattaforma PRIME. Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, ġie konkluż li xi Stati Membri wrew li huma lesti jieħdu miżuri ta' salvataġġ skont il-linji proposti f'dan ir-Regolament.

Minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ta' emerġenza xierqa fid-Direttiva, hemm bżonn li jinħoloq qafas għall-miżuri meħtieġa mill-kriżi tal-COVID-19 permezz tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Kif spjegat, minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, il-ġbir ta' għarfien espert bil-livell ta' dettall tas-soltu ma kienx possibbli. Madankollu, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-kuntatti tagħha mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ferrovjarji.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma saritx valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar**

Il-miżura ma tinkludi l-ebda arranġament speċifiku ta' monitoraġġ jew rapportar. Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li ssegwi l-iżvilupp tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq iż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u jekk ikun meħtieġ tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex testendi l-perjodi ta' żmien ikkonċernati minn din il-miżura.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Xejn.

2020/0127 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tnaqqis sinifikanti fid-domanda li min-naħa tagħha wasslet għal tnaqqis qawwi fit-trasport ferrovjarju. Dan għandu impatt serju fuq l-impriżi ferrovjarji li beda mill-1 ta' Marzu 2020 u li x'aktarx jibqa' jaffettwa s-settur sa mill-inqas il-31 ta' Diċembru 2020. Iċ-ċirkostanzi huma lil hinn mill-kontroll tal-impriżi ferrovjarji li qed jiffaċċjaw problemi konsiderevoli ta' likwidità, telf kbir u f'xi każijiet jista' jkun hemm riskju ta' insolvenza.

(2) Sabiex jingħelbu l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19, l-impriżi ferrovjarji jista' jkollhom bżonn appoġġ finanzjarju. Jista' ma jkunx possibbli għall-impriżi ferrovjarji li jħallsu l-imposti għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja matul l-emerġenza tal-COVID-19, u, għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-maniġers tal-infrastruttura jkunu jistgħu jnaqqsu, jirrinunzjaw jew jipposponu tali imposti. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tingħata għal perjodu li matulu nħassu l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fis-suq ferrovjarju u huma mistennija li jibqgħu jinħassu, jiġifieri mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 (il-"perjodu ta' referenza").

(3) Skont l-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-imposti għall-aċċess għall-binarji li għandhom jitħallsu lill-maniġer tal-infrastruttura ma jistgħux jaqgħu taħt il-kost direttament imġarrab minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju. Ir-rinunzja parzjali jew sħiħa tal-imposti jew differiment tagħhom, applikati b'mod trasparenti, oġġettiv u nondiskriminatorju għall-impriżi ferrovjarji kollha attivi fis-setturi ferrovjarji tal-

[1] ĠU C 132, 3.5.2011, p. 99.
[2] ĠU C 104, 2.4.2011, p. 53.

merkanzija u tal-passiġġieri, għandha tnaqqas l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 matul il-perjodu ta' referenza. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jawtorizzaw tali miżuri min-naħa tal-maniġers tal-infrastruttura.

(4) L-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34/UE jippermetti lill-Istati Membri jimponu mark-ups, jekk is-suq jiflaħ għalihom. Minħabba l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, il-kapaċità tat-taqsimiet tas-suq li jifilħu għall-mark-ups setgħet naqset. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex jivvalutaw mill-ġdid il-kapaċità tat-taqsimiet tas-suq li jifilħu għall-mark-ups, għall-finijiet ta' tnaqqis possibbli tal-ammonti dovuti fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

(5) L-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE jipprovdi reġim ta' imposti ta' riżerva, maħsub biex jinċentiva l-użu effiċjenti tal-kapaċità. It-tieni sentenza ta' dan l-Artikolu tagħmel l-intaxxar ta' dawn l-imposti obbligatorja f'każ ta' nuqqas regolari minn impriża ferrovjarja li tuża mogħdijiet ferrovjarji allokati jew partijiet minnhom. Fid-dikjarazzjonijiet dwar in-netwerk tagħhom il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jippubblikaw il-kriterji biex jiġi ddeterminat dan in-nuqqas ta' użu. Il-pandemija pprovokat tfixkil serju fit-traffiku ferrovjarju li wassal għal kanċellazzjonijiet mifruxa tal-mogħdijiet ferrovjarji. L-avvenimenti sottostanti kienu u huma lil hinn mill-kontroll tal-impriżi ferrovjarji. Barra minn hekk, wasslu għal kapaċità żejda (temporanja). Għalhekk wieħed jista' jassumi li l-effett ta' inċentiv maħsub mill-imposti ta' riżerva f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE mhuwiex rilevanti fir-rigward tal-perjodu ta' referenza. Għalhekk, b'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 36, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex ma jimponux imposti ta' riżerva għall-kapaċità allokata iżda li ma tkunx intużat matul il-perjodu ta' referenza, anke fejn dan in-nuqqas ta' użu jitqies bħala nuqqas regolari fl-użu ta' mogħdijiet ferrovjarji allokati jew parti minnhom skont il-kriterji attwalment applikabbli.

(6) Fir-rigward ta' kull wieħed mill-elementi msemmija hawn fuq, kwalunkwe tnaqqis tal-imposti kif awtorizzat mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament jinvolvi telf ta' dħul min-naħa tal-maniġer tal-infrastruttura. Fil-prinċipju, dak it-telf fid-dħul jiġi kkumpensat f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/34/UE. Minħabba n-natura straordinarja ta' dak it-telf, il-maniġers tal-infrastruttura jenħtieġ li jiġu rimborżati fi żmien iqsar, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkun sar it-telf.

(7) Jenħtieġ li jsiru aġġustamenti temporanji tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja u d-dikjarazzjonijiet dwar in-netwerk jenħtieġ li jinżammu aġġornati u emendati kif meħtieġ.

(8) Minħabba n-natura għall-għarrieda u mhux prevedibbli tal-pandemija tal-COVID-19, li għamlitha impossibbli li l-Unjoni tadotta miżuri f'waqthom, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-perjodu ta' referenza msemmi hawn fuq, anke jekk partijiet minn dak il-perjodu jinsabu fil-passat, mingħajr madankollu ma jaffettwaw l-aspettattivi leġittimi.

(9) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jwieġeb għas-sitwazzjoni urġenti maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu,

dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(10) Fid-dawl tal-urġenza kkawżata miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 li tiġġustifika l-miżuri proposti, u b'mod partikolari sabiex jiġu adottati malajr il-miżuri meħtieġa sabiex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-impriżi ferrovjarji, huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(11) Sabiex jiġu estiżi, jekk dan ikun meħtieġ u ġġustifikat, il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li matulu japplikaw il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([3]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, bħala kwistjoni ta' urġenza jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli temporanji dwar l-intaxxar ta' imposti għall-użu ta' infrastruttura ferrovjarja kif stabbilit fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34/UE. Dan japplika għall-użu tal-infrastrutturi ferrovjarji għal servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali koperti minn dik id-Direttiva, matul il-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' referenza").

Artikolu 2

Tnaqqis, eżenzjoni jew differiment ta' imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu u ta' imposti ta' riżerva

1. Minkejja l-Artikoli 27 u 31(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, u soġġett għall-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex inaqqsu, jeżentaw jew jipposponu l-ħlas tal-imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu u għall-aċċess għall-infrastruttura li tgħaqqad il-faċilitajiet ta' servizz b'mod trasparenti, oġġettiv u nondiskriminatorju fil-każijiet li fihom tali pagament ikun dovut jew ikun se jsir dovut matul il-perjodu ta' referenza.

2. Minkejja l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE u soġġett għall-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex jivvalutaw mill-ġdid il-kapaċità tat-taqsimiet tas-suq li jifilħu għall-mark-ups, skont it-tifsira tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, għall-finijiet ta' tnaqqis possibbli tal-ammonti dovuti fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

3. Minkejja l-Artikolu 27 u t-tieni sentenza tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE, u soġġett għall-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex ma jimponux imposti ta' riżerva fuq kwalunkwe impriża ferrovjarja għall-kapaċità allokata iżda li ma tkunx intużat matul il-perjodu ta' referenza b'mod trasparenti, oġġettiv u nondiskriminatorju.

4. Minkejja l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/34/UE, u soġġett għall-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-maniġers tal-infrastruttura għat-telf finanzjarju speċifiku mġarrab b'riżultat tal-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena li fiha sar it-telf. Dan il-kumpens huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/34/UE, li jiżguraw li, fuq perjodu raġonevoli, li ma għandux jaqbeż il-perjodu ta' ħames snin, ir-rapport tal-introjtu ta' maniġer tal-infrastruttura jibqa' bbilanċjat.

Artikolu 3

Aġġustamenti tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

Minkejja l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE, il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jemendaw, kif xieraq u mingħajr dewmien, id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva sabiex juru l-kundizzjonijiet applikati minnhom, fid-dawl tal-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 2.

Artikolu 4

Korp regolatorju

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34/KE dwar il-korp regolatorju. L-Artikolu 56 ta' dik id-Direttiva għandu japplika għall-każijiet koperti mill-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fih, applikabbli għall-maniġers tal-infrastruttura.

Artikolu 5

Estensjoni tal-perjodu ta' referenza

1. Sal-1 ta' Novembru 2020, il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'*data* dwar l-użu tan-netwerks tagħhom ikkategorizzati skont it-taqsimiet tas-suq, f'konformità mal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, għall-perjodi mill-1 ta' Marzu 2019 sat-30 ta' Settembru 2019 u mill-1 ta' Marzu 2020 sat-30 ta' Settembru 2020.

2. Fejn il-Kummissjoni ssib, fuq il-bażi tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, li hemm tnaqqis persistenti fil-livell tat-traffiku ferrovjarju, meta mqabbel mal-livell fil-perjodu korrispondenti fis-sena preċedenti, u li x'aktarx it-tendenza tibqa' tippersisti, u ssib ukoll, abbażi tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli, li s-sitwazzjoni hija r-riżultat

tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 6, temenda l-perjodu ta' referenza skont dan.

3. Fejn, fil-każ ta' impatt fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-trasport ferrovjarju fl-Unjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeżiġu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 7 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2) għal perjodu ta' sena mid-[*data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2) għandu jidħol fis-seħħ jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 7

Proċedura ta' urġenza

1. Atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*